



Brussell, 24 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14663/25

RECH 476
COAFR 288

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Federali tan-Niġerja għal ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Federali tan-Niġerja
għal ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija (il-'ftehim') mar-Repubblika Federali tan-Niġerja.
- (2) L-iskambju tal-ittri bejn ir-rappreżentanti tal-Unjoni u r-Repubblika Federali tan-Niġerja, tas-6 ta' Ġunju 2024 u tas-26 ta' Ġunju 2024, ikkonferma x-xewqa taż-żewġ partijiet li jinfetħu negozjati għal ftehim bħal dan.
- (3) Il-ftehim propost jipprovdi qafas importanti li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Repubblika Federali tan-Niġerja fl-oqsma prijoritarji konġunti kollha tax-xjenza u t-teknoloġija, u b'hekk iwassal għal benefiċċji reċiproċi. Għaldaqstant huwa fl-interess tal-Unjoni li tniedi negozjati għal ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija mar-Repubblika Federali tan-Niġerja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati għal ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija mar-Repubblika Federali tan-Niġerja.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka u f'konformità mad-direttivi ta' negozjati stabbiliti fl-Addendum ta' din id-Deċiżjoni..

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President